



Brussell, l-1 ta' April 2020  
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-  
data tat-23 ta' Jannar 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL- ANNIMALI ĦAJJIN

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020<sup>3</sup>. Il-liġi tal-kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih sa dik id-data<sup>4</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jintlaħaq ftehim bħal dan u jekk hux se jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe ċirkostanza, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq ser tkun differenti ħafna mill-parteċi-pazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern<sup>5</sup>, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u tad-dazju tas-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A aktar 'l isfel). Dan l-avviż jispjega wkoll ir-regoli applikabbli fl-Irlanda ta' Fuq wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti B aktar 'l isfel).

#### Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

- <sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.
- <sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).
- <sup>3</sup> Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista' jiġi estiż darba b'sena jew sentejn qabel l-1 ta' Lulju 2020 (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Sa issa il-Gvern tar-Renju Unit eskluda tali estensjoni.
- <sup>4</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.
- <sup>5</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix għal kunċetti relatati mas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż tal-orijini”, u l-armonizzazzjoni. Ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, fosthom dawk li jikkonċernaw l-orijini tal-merkanzija u l-input tagħha, u lanqas projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-impurtazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi spjegati f'dan l-avviż, it-trasportaturi li biħsiebhom jittrasportaw annimali ħajjin lejn l-UE wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni huma partikolarment avżati biex ikollhom

- l-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru tal-UE, u
- iċ-ċertifikati rilevanti maħruġa minn Stat Membru tal-UE.

Is-sewwieqa u l-akkumpanjaturi għandhom jiżguraw li jkollhom ċertifikat maħruġ minn Stat Membru tal-UE. It-trasportatur għandu jinforma lill-persuni kkonċernati.

### **Nitolbuk tinnota:**

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- Ir-regoli tal-UE dwar il-kontrolli sanitarji fuq l-annimali ħajjin;
- Ir-regoli tal-UE dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>6</sup>.

## **A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA WARA LI JINTEMM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE għat-trasportaturi ta' annimali ħajjin, għas-sewwieqa u għall-akkumpanjaturi, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit<sup>7</sup>. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

### **1. AWTORIZZAZZJONIJIET TAT-TRASPORTATURI**

Skont l-Artikoli 6, 10 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, it-“trasportaturi”<sup>8</sup> jridu jkunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE. Awtorizzazzjoni li tinħareġ minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE hija rrikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħrajn kollha tal-UE.

L-awtorizzazzjonijiet tat-trasportaturi li jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit skont l-Artikoli 10 jew 11 tar-Regolament mhumiex se jibqgħu validi fl-UE wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt)

<sup>7</sup> Rigward l-applikabbiltà ta' dawn ir-regoli tal-UE għall-Irlanda ta' Fuq ara l-parti C ta' dan l-avviż.

<sup>8</sup> Jiġifieri kwalunkwe persuna fiżika jew naturali li tittrasporta l-annimali f'isimha stess.

## 2. IĊ-ĊERTIFIKATI TA' APPROVAZZJONI TAL-MEZZI TAT-TRASPORT

B'konformità mal-Artikolu 7(1) u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, it-trasport ta' annimali bit-triq fuq vjaġġi twal jista' jsir biss jekk l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni għall-mezzi tat-trasport<sup>9</sup>. Ċertifikat ta' approvazzjoni li jinħareġ minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE huwa rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħrajn kollha tal-UE.

Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni li jingħataw mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit skont l-Artikoli 18 jew 19 tar-Regolament mhumiex se jibqgħu validi fl-UE wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## 3. IĊ-ĊERTIFIKATI TA' KOMPETENZA GĦAS-SEWWIEQA U L-AKKUMPAJATUR

Skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, il-persuni li jsuqu (jew li jaġixxu ta' akkompanjatur fuq) vettura tat-triq li ġgħorr l-annimali (equidae domestiċi jew annimali domestiċi ta' speċi bovina, ovina, kaprina jew tjur) irid ikollhom ċertifikat ta' kompetenza maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru (jew korp maħtur minn Stat Membru). Ċertifikat ta' kompetenza li jinħareġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE (jew minn korp maħtur minn Stat Membru tal-UE) huwa rikonoxxut fil-bqija tal-Istati Membri tal-UE.

Iċ-ċertifikati ta' kompetenza li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, jew minn korp maħtur minn dak l-Istat Membru, b'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament ma jibqgħux validi fl-UE wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni.

## B. IR-REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA LI JINTEMM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq<sup>10</sup>. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għall-kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>11</sup>.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru<sup>12</sup>.

<sup>9</sup> Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni huma meħtieġa wkoll għat-trasport ta' ċerti annimali bil-baħar f'bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem (ekwidi domestiċi u annimali domestiċi ta' speċi bovina, ovina, kaprina jew suwina) skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament kif ukoll għat-trasport ta' ċerti annimali (ekwidi domestiċi u annimali domestiċi ta' speċi bovina, ovina, kaprina jew suwina) f'kontenituri bit-triq jew bil-baħar fuq vjaġġi twal skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament.

<sup>10</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>11</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>12</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-Regolament (KE) No 1/2005 japplika għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq<sup>13</sup>.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Parti A ta' dan l-Avviż għandha tinftiehem bħala li tinkludi l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- It-trasport tal-annimali ħajjin fl-Irlanda ta' Fuq irid jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1/2005;
- Ir-regoli fir-Regolament (KE) Nru 1/2005 dwar id-dħul u l-ħruġ tal-annimali ħajjin japplikaw għad-dħul tal-annimali fl-Irlanda ta' Fuq mill-Gran Brittanja u għall-ħruġ ta' annimali ħajjin mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja.

Madankollu, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà li r-Renju Unit:

- jipparteċipa fit-teħid u t-tiswir tad-deċiżjonijiet u fl-Unjoni<sup>14</sup>;
- jiftaħ proċeduri ta' oġġezzjoni, ta' salvagwardja jew ta' arbitraġġ sa fejn dawn ikunu jkkoncernaw regolamenti, standards, valutazzjonijiet, reġistrazzjonijiet, ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet li jinħarġu jew jitwettqu minn Stati Membri tal-UE;<sup>15</sup>
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiżi ta' orijini jew tar-rikonossiment reċiproku<sup>16</sup>.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- Awtorizzazzjonijiet tat-trasportaturi, ċertifikati ta' approvazzjoni jew ċertifikati ta' kompetenza li jinħarġu minn kwalunkwe Stat Membru jkunu validi fi-r-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq;
- Madankollu, l-awtorizzazzjonijiet tat-trasportaturi, iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni jew iċ-ċertifikati ta' kompetenza li jinħarġu mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq jkunu validi fl-Irlanda ta' Fuq biss.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE b'rabta mal-benessri tal-annimali ([https://ec.europa.eu/food/animals/welfare\\_en](https://ec.europa.eu/food/animals/welfare_en)) jagħti informazzjoni ġenerali dwar il-benessri tal-annimali. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni, fejn meħtieġ.

---

<sup>13</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsimha 40 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

<sup>14</sup> Fejn ikun hemm bżonn isir skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn iridu jsiru fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt maħluq skont l-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>15</sup> Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

<sup>16</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari